# NITTRASFOMAW IL-PATT EKOLOĠIKU TAL-UE F'AZZJONIJIET LOKALI

## Dikjarazzjoni tal-mexxejja lokali u reġjonali Ewropej

**Aħna, il-mexxejja lokali u reġjonali Ewropej, naffermaw mill-ġdid l-impenn tagħna li nilħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew fit-territorji tagħna, u b'hekk niffaċilitaw l-aħjar parteċipazzjoni possibbli taċ-ċittadini, tal-intrapriżi u tal-komunitajiet lokali tagħna.**

*Parti I: Preambolu*

Nirrikonoxxu s-sitwazzjoni globali kritika u l-isfidi urġenti li l-Ewropa qed tiffaċċja bħalissa, fejn l-isforzi biex jinstabu soluzzjonijiet għall-kriżi planetarja trippla[1] huma mhedda minn sitwazzjonijiet ġeopolitiċi instabbli. F'dan il-kuntest, il-Patt Ekoloġiku Ewropew jirrappreżenta viżjoni trasformattiva għall-futur sostenibbli tal-Ewropa, li jeħtieġ li tiġi ssalvagwardjata u żviluppata aktar.

Peress li l-UE se tidħol f'fażi ġdida wara l-elezzjonijiet tal-2024 u se tgħaddi għall-fażi ta' implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku, għandu jkun hemm enfasi ħafna akbar fuq il-formulazzjoni ta' politiki li jippermettu l-introduzzjoni ta' miżuri bla dispjaċir u li jħaffu l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet fuq il-post kemm għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kif ukoll għall-adattament għalih. Dawn se jġibu valur miżjud tanġibbli għan-negozji u għall-komunitajiet tagħna, waqt li jaċċelleraw it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika.

Il-gvernijiet lokali u reġjonali jaqdu rwol ċentrali fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Minħabba l-prossimità tagħna maċ-ċittadini u n-negozji, aħna ninsabu fl-aħjar pożizzjoni biex ninvolvu lill-partijiet ikkonċernati u lill-komunitajiet lokali billi noħolqu l-kundizzjonijiet u l-appoġġ meħtieġa biex l-inizjattivi lokali jiffjorixxu, u fl-istess ħin niżguraw li l-Patt Ekoloġiku Ewropew jinbidel f'azzjonijiet sinifikanti, effettivi u tanġibbli għall-benefiċċju tan-nies kollha.

Biex inwettqu l-impenn tagħna, jeħtieġ li naħdmu fil-kuntest it-tajjeb. Hekk kif niffukaw fuq it-tfassil ta' strateġiji biex ngħinu liċ-ċittadini, lill-partijiet ikkonċernati u lill-intrapriżi jinvolvu ruħhom, il-kapaċità tagħna li nimmobilizzaw u nimplimentaw għandha tkun inkorporata b'mod aktar qawwi fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, u fl-istess ħin il-ħtiġijiet, l-ostakli u l-opportunitajiet tagħna għandhom jitqiesu fl-iżvilupp tal-qafas leġiżlattiv u ta' appoġġ Ewropew.

---

1 What is the Triple Planetary Crisis? | UNFCCC (X'inhi l-Kriżi Planetarja Trippla? [mhux disponibbli bil-Malti])

**Aħna, il-mexxejja lokali u reġjonali Ewropej:**

- Naffermaw mill-ġdid id-determinazzjoni tagħna li naġixxu bħala alleati ewlenin tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri **fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ambizzjużi u trasformattivi** mmirati lejn it-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew fil-prattika.

- Intennu r-rieda tagħna li nibnu **kapaċitajiet u ħiliet aktar b'saħħithom** biex nimplimentaw proġetti tal-Patt Ekoloġiku, u nrawmu l-innovazzjoni, il-kooperazzjoni, u l-involviment taċ-ċittadini fid-diversi oqsma ta' politika pubblika tagħna u bejniethom.

- Nenfasizzaw li biex iċ-ċittadini, il-partijiet ikkonċernati u l-intrapriżi jiġu involuti b'mod attiv, il-gvernijiet lokali u reġjonali jeħtieġ jibdew ħafna **azzjonijiet u miri tanġibbli mfassla apposta**. Madankollu, nenfasizzaw il-ħtieġa li tiġi ppjanata **integrazzjoni aħjar tal-governanza f'diversi livelli u aċċess dirett għall-finanzjament**.

- Nilqgħu **ż-żieda fl-istrumenti ta' appoġġ tal-UE**[2] għall-gvernijiet lokali u reġjonali f'oqsma ta' politika differenti tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Madankollu, **inwissu** li din il-proliferazzjoni tista' ma tikkorrispondix għal żieda ekwivalenti fl-impatt tagħhom li jista' jitkejjel[3].

*Parti II: Rakkomandazzjonijiet*

**F'dan il-kuntest, aħna, il-mexxejja lokali u reġjonali Ewropej:**

1. Nistiednu lill-koleġiżlaturi u lill-Istati Membri jfasslu mill-ġdid proċessi effettivi ta' **governanza f'diversi livelli** li jagħtu rikonoxximent, viżibbiltà u appoġġ sħiħ biex jippermettu azzjoni aċċellerata u skalata li tirriżulta minn atturi lokali u reġjonali, waqt li jirrikonoxxu l-kundizzjonijiet u r-riżorsi diversi tagħna biex niksbu n-newtralità klimatika u r-reżiljenza.

2. Nistiednu lill-koleġiżlaturi u lill-Istati Membri jintroduċu titjib għal sistema ta' monitoraġġ armonizzata fi ħdan il-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, biex tippermetti **l-integrazzjoni tal-isforzi u l-kontributi tal-gvernijiet lokali u reġjonali** permezz ta' sistemi ta' monitoraġġ li jkunu koerenti mal-pjani nazzjonali għall-enerġija u l-klima u li jirrispettaw l-ispeċifiċitajiet nazzjonali.

3. Nitolbu lill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jipprovdu **pjattaformi ta' appoġġ** adegwati **għall-ħiliet u l-bini tal-kapaċità** għall-gvernijiet lokali u reġjonali u l-partijiet

---

2 Inklużi inizjattivi bħall-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija, il-Ftehim dwar il-Bliet Ekoloġiċi, l-Inizjattiva għal Bliet u Reġjuni Ċirkolari, l-Inizjattiva ta' Sfida għal Bliet Intelliġenti, u oħrajn.

3 *The impact of EU climate and energy initiatives on cities' climate transition* (L-impatt tal-inizjattivi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija fuq it-tranżizzjoni klimatika tal-bliet [mhux disponibbli bil-Malti]), KtR, Unjoni Ewropea, 2023.

ikkonċernati tagħhom, u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku u l-monitoraġġ tiegħu.

4. Nistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tipprovdilna **strumenti ta' appoġġ aktar flessibbli u inklużivi**[4] li jippermettulna nindirizzaw l-isfidi uniċi tagħna b'mod aktar profond billi nisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-kuntesti lokali u reġjonali tagħna, u fl-istess ħin intejbu l-aċċessibbiltà u l-inklużività tal-istrumenti ta' appoġġ u l-flussi ta' finanzjament (eż. il-fondi ta' koeżjoni, il-fond għall-irkupru, il-fond għal tranżizzjoni ġusta, il-fond soċjali għall-klima fost oħrajn) għal grupp usa' ta' awtoritajiet lokali u reġjonali.

5. Nappellaw sabiex ikun hemm **sinerġiji aktar b'saħħithom bejn l-istrumenti ta' appoġġ tal-UE**[5] **u l-inizjattivi, il-proċessi ta' ppjanar u l-miżuri tal-Istati Membri**, sabiex jittejbu t-tisħiħ reċiproku u l-inklużività, u biex jiġi offrut l-appoġġ tekniku u finanzjarju li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jeħtieġu biex iwettqu l-Patt Ekoloġiku Ewropew fil-prattika.

6. Nitolbu li tingħata attenzjoni għas-**sinerġiji fost il-finanzjament eżistenti tal-UE u l-istrumenti ta' appoġġ**[6] biex jinkisbu impatti akbar u jingħelbu s-silos ta' politika kontroproduttivi, id-duplikazzjoni u l-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa.

7. Nistiednu lill-koleġiżlaturi **jallokaw appoġġ finanzjarju addizzjonali tal-UE li għandu jiġi indirizzat direttament** lejn l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku fil-livelli lokali u reġjonali, biex jiġi żgurat li l-impenji politiċi jkunu jistgħu jiġu segwiti permezz tal-ħolqien ta' pipelines ta' implimentazzjoni solidi.

8. Inħeġġu aktar **allinjament u integrazzjoni bejn il-fondi tal-Politika Reġjonali u ta' Koeżjoni tal-UE** u l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u l-istrumenti ta' appoġġ[7] għall-awtoritajiet lokali u reġjonali.

9. Nirrakkomandaw l-introduzzjoni ta' **finanzjament aktar marbut mal-prestazzjoni**, li jinvolvi mekkaniżmi li jippremjaw lill-gvernijiet lokali abbażi tal-kisba ta' miri ambjentali, soċjali u ekonomiċi nodfa, u li fl-istess ħin jitqiesu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali ta' kull Stat Membru tal-UE.

---

4 Inklużi inizjattivi bħall-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija, il-Ftehim dwar il-Bliet Ekoloġiċi, l-Inizjattiva għal Bliet u Reġjuni Ċirkolari, l-Inizjattiva ta' Sfida għal Bliet Intelliġenti, u oħrajn.

5 Idem.

6 Idem.

7 Idem.

10. Nissuġġerixxu kooperazzjoni msaħħa permezz ta' **task force tal-Patt Ekoloġiku fil-Livell Lokali** bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni biex isservi bħala hub ċentrali għall-involviment mal-gvernijiet lokali u reġjonali, tikkoordina l-isforzi fost l-istrumenti ta' appoġġ tal-UE, u tipprovdi gwida dwar l-allinjament tal-politiki tal-Patt Ekoloġiku tal-UE mal-kapaċitajiet u l-ħtiġijiet lokali u reġjonali.

*Parti III: Konklużjoni*

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, huwa essenzjali li l-gvernijiet lokali u reġjonali jingħataw il-mezzi biex ikunu aġenti ewlenin tal-bidla.

**Billi nsaħħu l-kapaċitajiet tagħna, nipprovdu appoġġ finanzjarju mmirat, inkissru s-silos tal-politika, u nistabbilixxu djalogi strutturali**, l-UE tista' tisfrutta l-potenzjal tal-inizjattivi lokali u reġjonali li jixprunaw it-trasformazzjoni sostenibbli, u tallinja mar-realtajiet lokali u reġjonali. Dan l-approċċ se jisfrutta l-fiduċja li ċ-ċittadini u n-negozji għandhom fl-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom, u b'hekk jiżgura koordinazzjoni u allinjament kontinwi u jixpruna l-Patt Ekoloġiku Ewropew minn sempliċi aspirazzjoni għal realtà.